MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 255/2014

**Gerges Nadi Saad Fadil**

**Vs**

**George Morris Samhon**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-17 ta' Marzu, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimat ihallasu s-somma ta' tlett elef euro [€3,000] u dan wara li ppremetta hekk:

> "L-attur qieghed jitlob ir-rifuzjoni ta' tlett elef Ewro (€3,000) parti minn somma akbar mghoddija lill-konvenut – kif maghruf hawn Malta bhala George Morris Samhon I.D. 38077A [b'riserva ghal kull dritt u azzjoni spettanti lill-attur, kemm il-darba jirrizulta illi l-konvenut fil-

verita jismu mod iehor] – liema somma kienet giet mghoddija lis-sekwestrat fuq talba tieghu stess sabiex jiddepozita tali somma bhala garanzija – f'forma ta' bail – f'isem u ghan-nom ta' l-attur ma' l-Immigration Appeals Board stante illi s-sekwestrat ikkonvinca lis-sekwestratarju illi kellu jkun terz li jmur personalment jaghmel tali depositu u mhux l-appellant stess, u li in primis, il-bail kienet tammonta ghal elfejn ewro u mhux tlett elef ewro, u sekondarjament, is-sekwestrant kien ghadda tlett elef Ewro lis-sekwestrat qabel ma dan mar jiddeposita l-imsemmija garanzija u zamm elf Ewro ghalih, u li issa qieghed jaghmel talba ma' l-Immigration Appeals Board sabiex jirtira s-somma ta' elfejn Ewro favurih, meta tali somma qatt ma kienet tieghu u qatt ma zborzjha huwa.

Illi, l-konvenut, mhux talli ma kienx veritier ma' l-attur – li huwa illiterat fil-Malti u l-Ingliz – u ma jridx jaqleb il-bail fuq isem l-attur, izda talli b'qerq u malizja, issa qieghed jitlob li jigu rilaxxati l-elfejn Ewro favurih, sabiex ikun akkwista Elfejn Ewro ohra apparti l-elf Ewro zejjda li kien talab u rcieva minghand l-Attur.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri u kull procedura ohra pprezentata kontestwalment, bl-imghax legali sa mit-23 ta' Mejju 2013 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li hija minn issa ngunt in subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-13 ta' Mejju, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba rikorrenti:

"Illi t-talba tal-attur hija totalment infondata, kemm fil-fatt u fid-dritt, stante illi dak li qieghed jeccepixxi l-attur ma huwiex minnu u tali talba hija frivola u vessatorja. Illi l-attur qieghed jagixxi malizjozament, stante illi l-attur ma sellef l-ebda flus lill-konvenut, izda kien il-

konvenut George Morris Samhon stess, illi sellef elfejn Ewro lill-attur Gerges Nadi Saas Fadil, sabiex dan ikun jista jhallas il-garanzija tieghu mitluba mill-Immigration Appeals Board, u anki kien il-konvenut innifsu illi mar personalment quddiem il-Bord sabiex ihallas l-ammont. Illi l-konvenut kien talab sabiex jigu rilaxxati l-elfejn Ewro favurih, stante illi dawn il-flus ma humiex tal-attur u hallashom l-konvenut personalment, kif jidher car mir-ricevuta hawn annessa bhala Dok. A.

Tant huwa hekk, illi George Morris Samhon kellu huwa stess jissellef l-ammont dovut mill-Immigrations Appeals Board minghand habib tieghu Daniel Galea, sabiex ikun jista ihallas il-garanzija ghall-attur. Illi l-konvenut qieghed jannetti skrittura privata bejnu u Daniel Galea, li turi bic-car u evidentement illi l-konvenut issellef is-somma ta' tlett elef ewro minghand Daniel Galea u li minnhom hallas lura sallum is-somma bilancjali ta' Euros 500.

Illi ghal ragunijiet fuq premessi l-konvenut jitlob lil din l-Onorabbli Tribunal tichad it-talba tal-attur stante illi hija totalment infondata u sabiex tisma il-kontro-talba tal-konvenut.

Bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri kontra l-attur".

Ra l-kontro-talba mressqa mill-intimat flimkien mar-risposta tieghu u li permezz taghha huwa ppremetta hekk:

"Illi ghal ragunijiet fuq premessi fir-risposta, l-konvenut jitlob lil din l-Onorabbli Tribunal tiddikjara lill-attur debitur fl-ammont ta' Euros 2,500 fejn elfejn ewro thallsu minn George Morris Samhon bhala garanzija quddiem l-Immigration Appeals Board, u Euros 500 thallsu minn George Morris Samhon lil Dr. Gianluca Caruana Curren De Marco ghall-attur. Illi Euros 2000 thallsu mill-konvenut personalment kif huwa anki car u evidenti mill-anness Dok. A. Illi l-konvenut kien diga talab illi dawn il-flus jigu rilaxxati favurih, stante il-fatt illi dawn huma tieghu. Bl-imghax legali sal-pagament effettiv, u bl-ispejjes kontra l-attur rikonvenzjonat."

Ra **r-risposta tar-rikorrenti** minnu mressqa fid-9 ta' Gunju, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghall-kontro-talba ta' l-intimat:

> "Illi l-kontro-talba ta' l-imsemmi George Morris Samhon hija assolutament inveritiera u bla bazi legali u fattwali u ma jisthoqilhiex tigi akkolta stante illi, kif sejjer jirrizulta, tali kontro-talba u parti mid-dokumenti ezebiti m'huma xejn hlief skema mahsuba sabiex il-konvenut frawdolentement jakkwista elfejn Ewro (€2000) ingustament, u liema skema u pretensjoni qeghda biss tohrog issa wara li l-attur beda l-proceduri odjerni.
>
> Illi fl-ewwel lok, it-talba kontenuta fil-kontro-talba tal-konvenut George Morris Samhon hija respinta fl-intier taghha stante illi hija assolutament inveritiera u infondata fil-fatt u fid-dritt. L-unika verita li jsemmi l-konvenuta hija li "l-attur ma sellef l-ebda flus lill-konvenut" – haga illi l-attur qatt ma ddikjara. L-attur kien fil-fatt ghadda tlett elef Ewro (€3,000) lil konvenut sabiex il-konvenut imur jiddeposita tali somma ma l-Immigration Appeals Board, wara li l-konvenut kien spjega u kkonvinca lill-attur – li huwa lliterat fil-Malti u fl-Ingliz – illi kellu jkun terz li jaghmel tajjeb b'ismu u li ma setghax ikun l-attur stess li jmur jiddepozita tali flus bhala *bail deposit* u hija ghal din ir-raguni illi hemm isem il-konvenut fuq Dok A (verbal tat-23 ta' Mejju 2013 f'forma ta' ricevuta ta' elfejn Ewro).
>
> Illi, sussidjarjament ghas-suespost, kwalunkwe allegat ftehim u/jew ricevuta bejn il-konvenut u terzi – bhal Daniel Galea – huma irrelevanti ghaliex tali ftehim fuq self – jekk huwa minnu u mhux kontrafatt – ma jinkludix lill-attur u li mieghu ma ghandu l-ebda ness – la fattwali u lanqas guridiku.

> Illi huwa evidentissimu illi din hija biss skema sabiex il-konvenut jehles mir-risponsabilta tar-rifuzjoni jew li jaqleb il-bail deposit ghal fuq l-attur [issa li l-attur ottjena refugee status u li tali bail deposit ma ghadux necessarju u jista jigi rilaxxat mill-Immigration Appeals Board] u b'hekk, il-konvenut ikun akkwista elfejn Ewro ingustament u frawdolentement – haga illi mhux gdida ghal-konvenut, kif jidher minn sentenza kriminali deciza mill-Magistrat Dr Gabriella Vella fl-4 ta' Awwissu 2011 – Il-Pulizija (Spett. Daniel Zammit) vs George Morris Samhon.
>
> Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u ghal dawk li sejrin jigu esposti waqt is-smigh tal-kawza, l-attur Gerges Nadi Saad Fadil jitlob lil dan l-Onorabbli tribunal jichad il-kontro-talba tal-konvenut fl-intier taghha u jakkolji t-talba ta' l-attur, bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut sa mill-prezentata tat-talba"

Ra l-verbal datat 28 ta' Jannar, 2015 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ra n-nota mressqa mill-intimat fit-2 ta' Frar, 2015 u li permezz taghha l-kontro-talba giet ridotta ghas-somma ta' hames mitt euro (€500) stante li l-ammont li kien gie depositat mill-intimat ghar-rikorrenti quddiem l-Immigraton Appeals Board gie rifuz lura lilu.

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tat-Talba principali tieghu, r-rikorrenti qieghed jitlob lura minghand l-intimat il-hlas ta' tlett elef euro (€3,000), liema somma, jghid ir-rikorrenti huwa kien ghaddielu sabiex l-intimat ikun jista jiddepozitaha bhala garanzija ma' l-Immigration Appeals Board. Skond ir-rikorrenti, wara li kien ghaddielu din is-somma, huwa skopra li l-ammont tal-garanzija kien ta' elfejn euro (€2,000) u r-rimanenti elf euro (€1,000) inzammu mill-intimat ghal bzonnijiet tieghu. L-intimat jichad dan il-fatt u anzi jghid li kien hu li sellef lir-rikorrenti l-ammont ta' elfejn euro (€2,000) "*sabiex dan ikun jista jhallas il-garanzija tieghu mitluba mill-Immigration Appeals Board, u anki kien il-konvenut innifsu illi mar personalment quddiem il-Bord sabiex ihallas l-ammont*". Fil-kontro-talba tieghu, l-intimat talab lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ammont ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500). Ir-rikorrenti cahad li huwa ghandu jaghti xi flejjes lill-intimat.

   Ikkunsidra ulterjorment;

2. Mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti b'mod sintetiku:

   i. **Ahmed Omar Walid** xehed u qal li huw akien silef is-somma ta' €3,500 lir-rikorrenti. Qal li r-rikorrenti ried dawn il-flus "... *peress illi kellu bzonn sabiex jaghmel pledge ghall-imigration peress illi kellu xi kwistjoni, ried ihallas ukoll xi flus lil Avukat*" (fol. 30). Din is-somma kien silifielu fis-17 ta' Mejju, 2013. Qal li dawn il-flejjes, ir-rikorrenti kien qallu sabiex jghaddiehom lill-intimat George Morris Samhon. Skond ma qallu r-rikorrenti, l-*pledge* kien ta' elfejn euro (€2000), hames mitt euro (€500) kienu ghal avukat u l-elf euro (€1,000) kienu ghall-intimat talli huwa kien ser jaghmillu l-garanzija. Dawn l-elf euro imbaghad kellhom jintuzaw f'kaz li r-rikorrenti kien jispicca l-habs. Ix-xhud qal li huwa kien informa lir-rikorrenti li huwa ma kellhux ghalfejn jaghti €1,000 lil intimat u li seta jaghmel dak li kien ser jaghmillu l-intimat huwa stess. Ix-xhud fil-fatt ghadda din is-somma ta' €3,500 lir-rikorrenti u dan wara li dan ta' l-ahhar kien talbu sabiex jghaddi din is-somma lill-intimat. Ix-xhud qallu li huwa ma kellhu x'jaqsam xejn ma' l-intimat u li huwa kien jaf lilu biss ghaliha. Qal li xahar u hamest'ijiem wara li

kien silef din is-somma ta' €3,500 lir-rikorrenti, l-istess rikorrenti kien raddlu lura din is-somma u ghalhekk illum il-gurnata ma fadallu jigbor xejn minghand ir-rikorrenti. In kontro-ezami, x-xhud qal li r-rikorrenti ried dawn il-flus minhabba xi problemi li kien ghaddej minnhom quddiem ir-Refugee Board.

ii. **Ir-rikorrenti** esebixxa dok. FSGN 1 (fol. 48) li huwa dokument rilaxxat mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Immigrazzjoni datat 23 ta' Mejju, 2013 fl-ismijiet Gergis Nadi Saad Fadil vs Principal Immigration Officer u jirrigwarda l-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest tieghu. Fost dawn il-kundizzjonijiet hemm li huwa kellu jiddeposita s-somma ta' elfejn euro (€2,000) u li kienet inghatat garanzija minn George Morris Samhon. Qal li dawn il-proceduri kienu nbdew wara li l-Avukat ta' l-intimat kien baghat ittra lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Immigrazzjoni (dok. MAM 1 a fol. 49) sabiex jirtira l-ammont ta' €2,000 hawn fuq imsemmi. Ir-rikorrenti qal li l-intimat kien infurmah b'dan u huwa kien irrisponda "*jekk huma tieghi u tajthomlok biex thallashom kif tista tigbidhom*" (fol. 33-34). Skond ir-rikorrenti, l-intimat kien qallu li huwa seta' jaghmel hekk l-ghaliex il-flus kienu qeghdin fuq ismu. Fuq mistoqsija tat-Tribunal, ir-rikorrenti qal li huwa kien ircieva s-somma ta' €7,300 minghand huh madwar xahar wara li kien issellef dawn it-€3,500 minghand Ahmed Omar Walid. Qal li kellu ricevuta meta rcieva dawn il-flejjes minghand huh li jghix barra minn Malta.

iii. **Joseph Saliba**, rapprezentant tal-ETC xehed u qal li r-rikorrenti beda jahdem fil-5 ta' Frar, 2014 bhala gypsum board decorator filwaqt li l-intimat ma jahdimx u li l-ahhar xoghol li kellu kien fit-8 ta' Ottubru, 2011.

iv. **L-Avukat Mark Attard Montalto** qal li l-intimat kien jafu peress li kien ghamillu xi xoghol fid-dar tieghu. Qal li huwa kien deher ghall-intimat f'xi proceduri li kien hemm quddiem l-Immigration Board. Qabel ma ghamel dan huwa kien talab u ottjena l-permess minghand id-difensuri precedenti tal-intimat.

v. **Daniel Galea** qal li huwa kien silef l-ammont ta’ €3,000 lill-intimat u dan skond ma jirrizulta mid-dokument li hemm esebit a fol. 13 tal-process u li jgib id-data tal-24 ta’ Mejju, 2013. Minn dan l-ammont huwa ircieva biss l-ammont ta’ €500 minghand l-intimat. Qal ukoll li “*jiena sirt naf li l-flus l-intimat kien ser juzhom bhala pledge ghar-rikorrenti wara li kont tajtu dawn il-flus. Ma kontx naf qabel*” (fol. 41). Qal illi kien minhabba f’hekk li huwa talab lill-intimat sabiex jaghmel karta quddiem l-Avukat u dan peress illi kieku kienu ghalih, huwa ma kienx jitolbu jaghmel dan. In kontro-ezami qal li dawn il-flus kienet taghthom lill-intimat ommu Iris Galea.

vi. **Salman Darman Gaser** qal li fl-1 ta’ Mejju 2014, certu Aied Abdel Azim kien cempillu u qallu lir-rikorrenti kien offrielu €1,000 sabiex jixhed kontra l-intimat. In kontro-ezami qal li huwa kien deher darba l-Qorti fuq glieda li kienet sehhet fl-2008 u li qatt ma ggieled mal-Pulizija jew li kellhu xi problemi relatati mad-droga.

vii. **Ali Mahmud Jaser** qal li kien hemm certu Hassan Said minn Bugibba li madwar xahar u nofs qabel ma xehed quddiem it-Tribunal kien qallu sabiex “... *ninzel nixhed il-Qorti kontra l-intimat u nghid illi l-intimat ghandu jaghti l-flus lir-rikorrenti*” (fol. 44). Qal li dan id-diskors inghad lilu minn Hassan Said, li kien jahdem mieghu, wara li kien kellmu r-rikorrenti. In kontro-ezami cahad li huwa ircieva xi flejjes sabiex jigi jixhed f’dawn il-proceduri u qal li qatt ma kellu problemi mal-Pulizija jew li kien involut xi darba fil-Qorti jew li kien il-habs.

viii. **Father John Farrugia** qal li huwa jaf lill-intimat bhala bniedem onest, biezel u li kemm ilu jafu hu (ghal dawn l-ahhar disa’ snin) dejjem kien jahdem. L-istess qassis qal ukoll li lix-xhud Walid Ahmed Omar jafu peress li kien ghamillu xi xoghol fl-istudju tat-televizjoni You TV u qal ukoll li “*ghal xi raguni jhawwad fid-diskors xi kultant*” (fol. 54).

ix. **Masoud Safyallah** qal li jaf liz-zewg partijiet u li madwar xahar u nofs qabel ma kien ghamel dan l-affidavit, ir-rikorrenti kien

avvicinah waqt li huwa kien il-Mosta u talbu jmur "... *naghmel vendikazzjoni ghal karozza ta' George Morris Samhon* [l-intimat odjern] *fid-data ta' 23 ta' Settembru 2014 sabiex immur u naqta b'sikkina l-erba roti tal-vettura ta' George Morris Samhon*" (fol. 55). Qal li huwa irrifjuta u informa lill-intimat b'dak li kien qallu biex jaghmel ir-rikorrenti.

x. **Vanessa Morris Samhon**, mart l-intimat qalet li l-ammont ta' €3000 ingabru minn zewgha minghand omm Daniel Galea. Qalet li dawn il-flus kienu inghataw lil zewgha b'self u li zewgha "... *riedhom sabiex ihallas il-plegg u l-avukat ta' Gergis Nadi Saad Fadil* [ir-rikorrenti]" (fol. 56). Qalet li hi u zewgha hbieb ta' Daniel Galea u tal-familja tieghu. Madwar seba' (7) xhur wara li kien issellef dawn il-flejjes minghand Daniel Galea, zewgha kien hallsu l-ammont ta' €500 biex b'hekk Daniel Galea kien ghad fadallu jiehu l-ammont ta' €2,500 minghand zewgha. Ix-xhud tghid ukoll, u hawn it-Tribunal qieghed jikkwota testwalment mill-affidavit taghha, li "*...m'hu veru xejn li Gergis Nadi Saad Fadil ma sellef ebda flus lil George Morris Samhon*" (fol. 57). Qalet li r-rikorrenti kien ha ghalih ghax l-intimat talba li jiehu lura l-flus tal-plegg meta dan ta' l-ahhar waqaf jafda lir-rikorrenti.

xi. **L-Avukat Gianluca Caruana Curran** qal li l-intimat kien ghaddielu s-somma ta' €500 ghas-servizzi li huwa kien ippresta lir-rikorrenti. Xehed li jekk ma kienx sejjer zbaljat, l-ammont ta' €2000 kienu gew "... *depozitati mill-intimat u sar favur ir-rikorrenti sabiex dan ikun jista jigi rilaxxat mill-Emigration* [recte: Immigration] *Appeals Board*" (fol. 71). Mistoqsi ta' min kienu dawn il-flejjes li gew depositati bhala bail, huwa qal li "... *minn fejn gew dawn il-flus u ta min kienu jiena ma naf xejn u ma kienx jinteressani*" (fol. 71). Kompla jghid li r-rikorrenti kien il-persuna li kienet qeghda tinzamm mill-Ispettur tal-Pulizija Edel Mary Camilleri gewwa l-Kwartieri Generali u l-intimat kien prezenti ghas-seduta li kienet qeghda tinzamm quddiem l-Immigration Appeals Board.

xii. **L-intimat** beda l-affidavit tieghu billi qal li huwa jopponi ghat-talba tar-rikorrenti "*... billi m'huwiex minnu li Gerges taghni dawn il-flus sabiex niddepozitahom quddiem il-Bord tal-Appell tal-Immigration*" (fol. 76). Qal li kuntrarjament ghal dak li jghid ir-rikorrenti, kien hu li mar jissellef dawn il-flejjes sabiex ikun jista jaghmel il-garanzija (plegg) ghalih mal-Immigration Appeals Board. Qal li dawn il-flejjes huwa kien issellifhom minghand Daniel Galea u li kien ghamel hekk l-ghaliex ir-rikorrenti, dak iz-zmien, kien habib tieghu. Kien ghamel ukoll skrittura ma' l-imsemmi Daniel Galea ghar-rigward tas-self in kwistjoni, liema skrittura iggib id-data tal-24 ta' Mejju, 2013. Dawn il-flus gabarhom minghand omm Daniel Galea. Zied ighid li huwa personalment kien ghamel id-depositu ghall-garanzija fl-ammont ta' €2000 u kien hallas lill-Avukat Gianluca Caruana Curran l-ammont ta' €500. Il-kumplament u cioe l-ammont ta' €500 zammhom ghalih innifsu. Qal li meta Daniel Galea skopra li dawn il-flejjes kienu ser jintuzaw minnu sabiex ikun jista jaghmel garanzija a favur tar-rikorrenti, dan Daniel Galea ma hax gost u kien ghalhekk li saret l-iskrittura. Stqarr li l-inkwiet inqala meta huwa kien baghat ittra lill-Immigration Appeals Board sabiex jirtira l-flus li kien iddeposita bhala garanzija ghar-rikorrenti. Qal li r-rikorrenti kien qabbad diversi nes biex jixhdu kontrih bhal Masoud Safyallah, Jasser Salman u Ali Mahmud Daser.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi bazikament din il-kawza tirrisolvi ruhha dwar apprezzament tal-provi u tal-fatti u liema hija l-aktar xhieda li t-Tribunal jista joqghod fuqha sabiex ikun jista jiddeciedi dan il-kaz.

4. Fil-kawza fl-ismijiet **Gaetana Mamo vs Therese sive Tessie Mercieca et** deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 26 ta' Ottubru, 2005 per Imhallef Philip Sciberras inghad li:

"*In bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f' kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b' mod li l-attrici trid tipprova l-fatti*

*kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("actori incumbit probatio") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("reus in excipiendo fit actor"). Ara* ***Francesca Mallia vs Salvatore Guillaumier***[1] *deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Jannar, 1962. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita` u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha*";

5. Fil-kawza fl-ismjiet "**Manuel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri**" deciza fis-27 ta' Mejju 1970 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Maurice Caruana Curran inghad li:-

   *"Bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta' l-oneru tal- provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f' kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur, l-esigibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju 'actore non probante, reus absolvitur'. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor "reus in exipiendo fit actor" ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f' kull kaz ta' kunflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."*

6. Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-prova gravanti fuq l-intimat tal-pagament li huwa jallega li ghamel. "*La prova del pagamento e` a*

[1] Kollez. Vol. XLVI/i/5

*peso del convenuto che lo allega*" (**Negoziante Michele Apap noe vs Giuseppe Grech**[2] deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Mejju, 1885). Fi kliem iehor, l-intimat jehtieglu qabel xejn jipprova, b' mod konvincenti u konkluziv, illi huwa effettivament ghamel il-hlas taz-zieda fl-ammont ta' manteniment reklamat f'dawn il-proceduri. Jekk huwa ma jirnexxilux jaghmel din il-prova, l-effett estintiv ta' l-obbligazzjoni (Artikolu 1145, Kodici Civili) ma jistax jirnexxi. Ovvjament din id-deficjenza tirrikadi fuqu ghax fuqu kien jinkombi l-oneru tal-prova tal-pagament;

7. Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Desmond Mizzi *nomine* -vs- Patrick Filletti *proprio et nomine*** deċiża fit-28 ta' Jannar, 2000 a bażi ta' l-insenjament ta' l-Imhallef Caruana Curran fis-sentenza precitata issuġġeriet li "*qari attent tieghu juri li hu aktar komplimentari ma' dak il-principji (il-prova tal-pagament inkombenti fuq id-debitur) u jestendi in fatti l-oneru tal-prova fuq il-kreditur biss f' dawk il-kazijiet fejn id-debitur ikun effettivament issodisfa l-prova tal-pagament lil hinn mid-dubju ragonevoli. Ifisser ghalhekk illi sakemm id-debitur konvenut ma jkunx issodisfa dik il-prova u allura ma jkunx adegwatament issostanzja l-eccezzjoni tieghu, l-attur kreditur ma kien jehtieglu jaghmel xejn biex jiggustifika t-talba tieghu. Jibqa' allura salv il-principju illi f' kaz ta' dubju jimmilita favur l-attur kreditur. F' kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont kienx dovut, dik il-prova kienet tispetta lill-attur li kien mistenni li jaghmel dik il-prova qabel ma l-konvenut jipproduci l-provi tieghu in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-pagament. Ghalkemm iz-zewg proposizzjonijiet jidhru li huma z-zewg ucuh ta' l-istess medalja, id-differenza sottili fl- impostament ta' l-argoment tezisti*";

8. Fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuele Bezzina vs Emmanuele Attard et**[3] deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili per Imhallef A. Magri inghad li "*l-pagament jista' jigi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lil gudikant*" (ara

[2] Kollez. Vol. X/826
[3] Kollez. Vol. XLIII/ii/624

ukoll f'dan is-sens **Rosario Spiteri vs Michele Mifsud**[4] deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell);

9. Issa f'dan il-kaz, u mill-provi kollha hawn fuq imsemmija, ghandu jirrizulta li kien hemm proceduri quddiem l-Immigration Appeals Board kontra r-rikorrenti. Ir-rikorrenti, li kien assistit mill-Avukat Gianluca Caruana Curran f'dawk il-proceduri, kien jehtieglu li jiddeposita s-somma ta' €2,000 bhala garanzija sabiex huwa jkun jista jigi rilaxxat mill-arrest preventiv. Skond ir-rikorrenti, li gie deskritt mill-konsulent legali tieghu bhala bniedem "*illiterat fil-Malti u l-Ingliz*"[5] id-depositu kellhu jsir minn terz. Dan peress li skond l-istess rikorrenti, l-intimat kien ikkonvincieh li huwa ma setax jaghmel tali depositu fuq ismu personalment izda kellhu jkun fuq isem terz. Ghalhekk, huwa kien ghadda s-somma ta' €3,000 lill-intimat sabiex jkun jista jaghmel d-depositu ghan-nom tieghu. Huwa proprju dan l-ammont li r-rikorrenti qieghed jitlob lura minghand l-intimat. Issa t-Tribunal diga jsibha difficli li bniedem "*illiterat fil-Malti u fl-Ingliz*" izda assistit minn Avukat kif huwa ma jistaqsiex lill-Avukat tieghu dwar kwistjoni serja bhal ma hija l-helsien mill-arrest tieghu. L-istorja tal-fatt li d-depositu ma setax jsir minnu izda minn terz ma titwemminx mit-Tribunal anke ghaliex ma tirrizulta l-ebda prova dwar dan li gie allegat mir-rikorrenti u cioe li l-intimat kien dahak bir-rikorrenti meta qallu li ma setax jaghmel dan id-depositu huwa personalment izda kellhu jsir minn terz. Ir-rikorrenti, kif diga inghad, seta jitlob l-ghajnuna ta' l-Avukat tieghu f'dan ir-rigward u zgur li kien jghidlu li huwa stess seta jaghmel dan id-depositu. Naraw imbaghad kif l-intimat ressaq lil Daniel Galea li xehed li huwa kien silef s-somma ta' €3,000 lill-intimat fit-23 ta' Mejju, 2013 u li wara li kien silfu dawn il-flejjes, huwa kien skopra li din is-somma kienet ser tintuza mill-intimat a favur ta' terzi. Minhabba f'hekk saret skrittura fl-24 ta' Mejju, 2013 fil-presenza ta' l-Avukat Mark Attard Montalto. Id-difensuri tal-partijiet resqu diversi provi sabiex jippruvaw jiskreditaw ix-xhieda mressqa minnhom. Fosthom kien hemm:

a) Ir-rikorrenti ressaq lil Ahmed Omar Walid, li xehed fit-23 ta' Settembru, 2014 u meta mistoqsi jekk huwa kellhux jaghti lid-

[4] Kollez. Vol. XXXVII/i/525

[5] Ara talba (fol. 2)

Dipartiment tal-VAT, l-imsemmi xhud wiegeb fin-negattiv (fol. 32) u imbaghad a fol. 75 gie mressaq dokument, mhux debitament ikkonfermat mir-rapprezentant tad-Dipartiment tal-VAT li jindika li huwa kellhu jhallas ammont sostanzjali.

b) L-intimat ressaq lil Ali Mahmoud Jaser li ukoll xehed fit-23 ta' Settembru, 2014. Huwa qal li qatt ma kellu problemi mal-pulizija, qatt ma kien involut fil-Qorti jew li kien il-habs (fol. 44). Ir-rikorrenti esebixxa sentenza mahruga mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Marzu, 2014 (fol. 80) fil-konfront tax-xhud fejn huwa kien instab hati mill-Qorti dwar hsara volontarja.

c) L-intimat ressaq lil Salman Darman Gaser li xehed ukoll fit-23 ta' Settembru, 2014 u qal li huwa kien deher darba wahda biss il-Qorti fuq glieda li kienet sehhet fl-2008 u ha sentenza sospiza. Qal li huwa ma kienx iggieled mal-Pulizija u qatt ma kellu problema ta' drogi (fol. 43). Ir-rikorrenti esebixxa 3 sentenzi li kien hemm involut fihom direttament l-imsemmi xhud. Fl-ewwel wahda datata 25 ta' Jannar, 2007 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) x-xhud kien instab hati u ntbaghat 9 xhur prigunerija. Fit-tieni wahda datata 13 ta' Awwissu, 2009 moghtija mill-Qorti Kriminali din pero kienet tirrigwarda kundizzjonijiet tal-*bail*. It-tielet wahda ukoll moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Dicembru, 2010 fejn inghata probation u r-raba sentenza, li ghalkemm ma kienitx diretta kontrih, izda kontra certu Anthony Zammit.

10. Ukoll, ir-rikorrenti qal li huwa kellhu provi dokumentarji ta' meta rcieva xi flejjes minghand huh minn gewwa l-Egittu u li huwa kien irilaxxa ricevuta lil persuna li kienet gabitlu dawn il-flejjes, izda baqa ma pprezenta xejn. It-Tribunal hawn jistaqsi l-ghala ma giet ipprezentata l-ebda ricevuta tal-hlas lura tal-flus li allegatament ghaddew bejn Ahmed Omar Waled u r-rikorrenti. Jekk ir-rikorrenti hass il-htiega li huwa jaghti ricevuta lill-persuna li suppost gabbitlu l-flus minn barra minn Malta, kif ma hasx il-htiega li jitlob ricevuta minghand Ahmed Omar Waled li huwa kien irritornalu lura l-flejjes mislufa lilu? Kien fl-interess tieghu li jaghmel dan sabiex ma jkunx hemm problemi wara. Mix-xhieda tal-Banek ukoll irrizulta li r-rikorrenti ma kellhux kontijiet/flejjes fis-sena 2013

maghhom. L-istess haga qal l-intimat bhal meta jsemmi li huwa kien ghadda dokument lil Ispettur tal-Pulizija Edel Mary Camilleri u semma dokument minghand Paul & Rocco. It-tnejn qal li esebihom ma l-affidavit tieghu pero fir-rejalta ma esebixxa xejn. Finalment, kif gustament rilevat fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimat, r-rikorrenti, skond Joseph Saliba, rapprezentant tal-ETC beda jahdem fil-5 ta' Frar, 2014. Dan juri li r-rikorrenti ma kienx jahdem fiz-zmien meta huwa kellhu l-proceduri quddiem l-Immigration Appeals Board. Meta wiehed iqis dak li qal ix-xhud Ahmed Omar Waled li r-rikorrenti kien ghaddielu dawn il-flus madwar xahar, xahar u nofs wara li huwa kien ghaddhielu s-somma ta' €3,500 kien ta importanza vitali ghat-tezi ta' l-istess rikorrenti li huwa juri lit-Tribunal li verament kienu waslu ghandu xi flejjes minn barra. Minn dan kollu pero ma hemm xejn.

11. Dan kollu qed jinghad l-ghaliex iz-zewg partijiet resqu provi sabiex jikkontradixxu lil xulxin. Jinghad ukoll li kien hemm xhieda, mressqa mill-intimat li ma gietx kontradetta jew addirittura kontro-ezaminata. Jinghad ukoll, ghal komplettezza li mart l-intimat, fl-affidavit taghha tghid testwalment hekk: "*...m'hu veru xejn li Gergis Nadi Saad Fadil ma sellef ebda flus lil George Morris Samhon*" (fol. 57). It-Tribunal pero huwa tal-fehma li dan kien rizultat ta' xi zball fid-dicitura u xejn aktar. It-Tribunal ma jistax joqghod fuq xhieda bhal din biex jasal ghal konkluzzjoni li l-intimat kien issellef xi flejjes minghand ir-rikorrenti. Huwa importanti li l-affidavits jinqraw sewwa qabel ma jigu pprezentati sabiex jigu evitati zbalji bhal dawn. Kollox ma kollox, it-Tribunal ma huwiex sodisfatt li r-rikorrenti irnexxielu jipprova l-kaz tieghu u ghalhekk ma jistax jilqa t-talba tieghu.

12. Finalment, ghar-rigward tar-rikors imressaq mir-rikorrenti fl-10 ta' Dicembru, 2014 it-Tribunal huwa tal-fehma li kopjata' din is-sentenza ghandha tigfi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lix-xhieda Gasar Salman Darman u Ali Mahmoud Jaser u wara li jinvestiga l-kaz, jiehu l-proceduri opportuni skond il-ligi. B'hekk dan ir-rikors qieghed jigi deciz.

13. Ghar-rigward tal-kontro-talba, filwaqt li t-Tribunal jaghmel referenza ghal dak kollu li inghad aktar qabel f'din is-sentenza, sejjer jilqa l-istess kontro-talba, kif ridotta, u dan peress li x-xhieda mressqa minnu, fosthom dik ta' Daniel Galea hija kredibbli u t-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita minnha.

14. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li:

i. Jilqa l-eccezzjonijiet mressqa mill-intimat ghar-rigward tat-talba principali tar-rikorrenti u konsegwentement jichad it-talba tar-rikorrenti;

ii. Jichad l-eccezzjonijiet mqanqla mir-rikorrenti fir-rigward tal-kontro-talba ta' l-intimat in kwantu dawn huma nkompatibbli ma dak hawn fuq deciz u konsegwentement qieghed jilqa l-kontro-talba ta' l-intimat, kif ridotta, u jikkundanna lir-rikorrenti sabiex ihallas lill-intimat s-somma ta' hames mitt euro (€500) kif mitlub, bl-imghaxijiet ibdew jidekorru fuq dan l-ammont mit-13 ta' Mejju, 2013 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kemm tat-talba u kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mir-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------